MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 522/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Frankie Falzon**

**Kumpilazzjoni Nru: 522/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Frankie Falzon, ta' 33 sena, bin Alfred u Mary Grace nee' Azzopardi, imwieled Qormi fit-30 ta' Jannar 1978, residenti fil-fond Romance Flt 3, Triq F. Farrugia, Zebbug Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 138078(M).

Akkuzat talli:

a) Fis-17 t'April, 2011 ghal habta ta' 20:45hrs fi Triq il-Kbira f'Haz-Zebbug, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Philip Micallef minn Haz-Zebbug f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta f'parti vitali tal-gisem ta' Philip Micallef minn Haz-Zebbug u bl-istess strument fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel griehi ta' natura gravi u per durata (Art 41 (1a), 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq il-persuna ta' Philip Micallef kif gie ccertifikat minn Dr. Biancardi MD Reg. No. 3124 tat-Taqsima tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Philip Micallef liema offiza giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem skond kif gie ccertifikat mit-Tabib Biancardi MD Reg. No. 3124 bi ksur tal-Art 216, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta, bi ksur tal-Art 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll fil-jiem ta' qabel din id-data f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-ordinanza tal-armi Art 13 (1) tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, dagha u glied bi ksur tal-Art 338dd u 339e tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' motor car jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

g) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' motor car jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun izjed mill-limitu preskritt;

h) Talli kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta' Ottubru, 2009 mill-Magistrat Audrey Demicoli LLD liema sentenza hija finali u definittiva.

F'kaz ta' htija l-prosekuzzjoni titlob li l-istess Frankie Falzon jigi sospiz minn kull licenzja tas-sewqan u jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-esperti tal-Qorti.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 41(1)(a), 214, 215, u 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 214 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 41(1)(a), 214, 215, u 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 15A(1), 15E(5) u 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) 15B(1), 15E(5) u 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) 22 u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u
j) 17,23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar is-17 ta' April 2011, ghall-habta tad-disgha nieqes kwart ta' fil-ghaxija, f'Haz-Zebbug meta l-imputat u l-parte leza kienu qed isuqu l-vetturi rispettivi taghhom fi Triq il-Kbira; huma kienu qed isuqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin. Fil-vettura ta'l-imputat kien hemm martu u t-tlett uliedu; fil-vettura tal-parte leza kien hemm ukoll martu.

Illi gara li, minhabba vetturi pparkjati maz-zewg nahat tat-triq, f'punt fejn it-triq tidjiq mhux hazin ma setghux jghaddu zewg vetturi; fil-fatt l-imputat u l-parte leza spiccaw faccata ta' xulxin b'hadd minnhom ma jista' jipprocedi fi triqtu. Ghal xi hin it-tnejn ippikaw ma xulxin u l-ebda wiehed minnhom ma ried jirriversja biex ikun jista' jghaddi l-iehor; kien biss wara li bint l-imputat qaltlu biex jirriversja li dan irriversja[1] biex b'hekk l-parte leza seta' jkompli jsuq 'l quddiem. Hekk kif il-parte leza kien qed isuq u z-zewg vetturi gew ma' genb xulxin sar xi diskors bejn iz-zewg partijiet. Gara pero li, meta l-vettura tal-parte leza kienet kwazi ghaddiet il-vettura ta'l-imputat, l-parte leza waqaf u hareg mill-vettura tieghu; dak il-hin anke l-imputat hareg mill-vettura tieghu u ha mieghu mus li kellu fil-karozza. Malli l-imputat u l-parte leza gew wicc imbwicc l-imputat ta' daqqa b'dan il-mus lill-parte leza. B'din id-daqqa l-mus ippenetra l-abdominal cavity tal-parte leza u gew kawzati feriti zghar fil-bidu tal-large bowel. L-imputat rema' l-mus. F'dak l-istadju issejjhu l-pulizija u ambulanza; sa kemm waslu fuq il-post gew diversi qraba tal-parte leza fuq il-post. Peress li l-pulizija li waslu fuq il-post dehrilhom li l-imputat kellu riha ta' xorb

[1] U dan wara li kienu rriversjaw xi vetturi ohra li kien hemm wara l-vettura ta'l-imputat.

eventwalment sarlu breathalyser test u rrizulta li l-proporzjon ta'l-alkohol fin-nifs tieghu kien ta' 45 mikrogrammi f'100 millimetru ta' nifs.

Illi dawn il-fatti mhux kontestati u fil-verita hemm qbil dwarhom miz-zewg nahat. Il-kunflitt fil-provi jirreferi ghal dak li gara immedjatament qabel ma l-imputat ta d-daqqa ta' mus lill-parte leza.

Illi l-parte leza, Philip Micallef, jghid li malli l-imputat irriversja u hu beda jsuq biex ikompli fi triqtu fil-mument li z-zewg vetturi kienu ma'genb xulxin l-imputat beda jghati hafna daqqiet fuq il-hgiega ta' tieqa tal-bieba ta' Micallef u anke fuq il-windscreen tal-vettura ta' Micallef. Minhabba f'hekk malli kien kwazi ghadda l-vettura ta' l-imputat, Micallef waqqaf u hareg mill-vettura tieghu biex jara saritlux hsara u biex jiehu n-numru tal-vettura ta' l-imputat. Micallef ikompli jispjega li kif kien qed jiehu n-number plate l-imputat hareg mill-vettura tieghu, u minghajr ma kellmu, gie fuqu, messu u resaq 'l hemm. Micallef ha n-numru tal-vettura ta'l-imputat u dar lura biex jidhol fil-vettura tieghu. Micallef qal ukoll li dak il-hin lanqas irrealizza li kien qala daqqa ta' mus; kienet il-mara li gibditlu l-attenzjoni li kellu d-demm. Kif rat hekk martu harget mill-vettura hi ukoll u qam argument bejn mart Micallef u l-imputat; peress li mart Micallef hasbet li l-imputat kien ser isuq 'l hemm marret u hadet ic-cwievet tal-karrozza ta'l-imputat mill-ignition.

Illi mart l-parte leza, Antonia Micallef, tat d-depozizzjoni taghha. Dwar dawn il-mumenti ta'l-incident tghid li meta z-zewg vetturi kienu biswit xulxin l-imputat beda jghati fuq il-hgieg tal-vettura taghom u li mbaghad x'hin zewgha hareg mill-vettura biex jara kellhomx hsara, l-imputat niezel jigri u ta daqqa lil zewgha. Meta hi rat li zewgha kollu dmijja niezlet hi ukoll mill-karozza, marret hdejn il-karozza ta'l-imputat, dahhlet idejha ghax kien ser isuq, hadet ic-cavetta u qaltluli "*le ma titlaqx qabel ma jigu l-pulizija*". Micallef kompliet tghid li dak il-hin l-imputat rega' hareg mill-karozza tieghu u beda jghajjat go wiccha.

Illi l-imputat da parti tieghu jghid li hekk kif hu rriversja u Micallef rega beda jsuq, fil-mument li l-vetturi kienu ma’ genb xulxin Micallef ta daqqiet fuq il-bieba ta’ wara tal-karozza ta’ l-imputat fejn kien hemm bintu. Hekk kif Micallef qabez il-vettura ta’l-imputat waqqaf u niezlu mill-vettura taghhom kemm Micallef kif ukoll martu. Dawn gew hdejn il-bieba tieghu, jghajjtu u jghajjruh u mart Micallef haditlu c-cwievet mill-ignition. Meta ra hekk l-imputat jghid li beza’, qabad il-mus li jzomm fil-karozza, hareg u ta daqqa bil-mus lil Micallef.

Illi l-verzjoni ta’ mart l-imputat (Diane Falzon) dwar dawn il-mumenti ma tantx taghti dettalji. Hi tirrakkonta li wara li zewgha rriversja u Micallef rega beda jsuq, hekk kif iz-zewg vetturi kien ma genb xulxin, sar diskors bejn iz-zewg sewwieqa. Diane Falzon tghid li hekk kif zewgha kien ha jkompli jsuq Micallef gie hdejn il-karozza taghhom u ndunat li kien ser iqum xi argument u peress li t-tfal kienu ghadhom zghar qabdithom u telqet ghand xi familjari li kienu joqghodu vicin.

Illi meta Diane Falzon xehdet f’l-atti ta’ l-inkjesta li nzammet dwar l-incident (u ghalhekk meta l-memorja kienet aktar friska) tat aktar dettalji. Qalet li Micallef ta daqqa ta’ ponn fuq il-vettura taghhom hekk kif kien qed isuq ma’ genbhom u li immedjatament wara kemm, Micallef u martu kif ukoll zewgha hargu mill-vetturi rispettivi taghhom u bdew jargumentaw. Hin minnhom semghet lil mara ta’ Micallef isemmi mus u biex icemplul-ghassa tal-pulizija. Zewgha mbaghad gie hdejn il-karozza taghhom biex igib sigarett pero mart Micallef hasbet li kien ser isuq ‘l hemm ghalhekk giet u

hadet ic-cwievet.

Illi l-parte leza Philip Micallef u martu Antonia ukoll xehdu f’l-atti ta’ l-inkjesta u taw prattikament l-istess verzjoni li taw waqt id-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti. L-imputat minbarra li ddepona quddiem din il-Qorti rrilaxxja stqarrija u fiha hu ukoll ta’ bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni ghalkemm id-depozizzjoni tieghu taghti hafna aktar dettal.

Ikkunsidrat

Ili minn ezami ta' dawn id-depozizzjonijiet jidher car li hemm xi kunflitti fil-verzjonijiet mghotija.

Illi Micallef u martu jghidu li meta Micallef rega beda jsuq u z-zewg vettturi gew genb ma' genb kien l-imputat li beda jaghti fuq il-vettura taghhom; min-naha l-ohra l-imputat u martu jghidu li kien Micallef li ta daqqa fuq il-vettura taghhom.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-mument krucjali f'dan l-incident, u cioe f'liema mument hareg mill-vettura tieghu l-imputat bil-mus f'idejh, Micallef u martu jghidu li l-imputat hareg mill-vettura tieghu meta Micallef kien ghadu qed jiehu n-number plate u li Antonia Micallef hadet ic-cwievet mill-ignition wara li zewgha kien qala d-daqqa bil-mus; l-imputat jghid li huwa hareg meta Antonia Micallef giet tohodlu c-cwievet mill-ignition u li kien dak il-hin li ta daqqa lil Philip Micallef.

Illi hija Diane Falzon li taghti kredibilita (fuq dan il-punt) lill-konjugi Micallef ghaliex anke hi tghid[2] li l-ewwel zewgha hareg mill-vettura, bdew jargumentaw hu u l-konjugi Micallef, semghet diskors dwar mus u pulizija, l-imputat rega' gie fil-karozza, u kien biss f'dak l-istadju li Antonia Micallef giet tiehu c-cwievet tal-karozza ta'l-imputat.

Illi dwar il-kredibilita o meno ta'l-imputat hemm fatturi ohra li jistghu jimpingu negattivament. Waqt li kien qed jiddeponi huwa rrakkonta li hu kellu problema b'l-abbuz ta'l-akohol pero huwa kien ilu f'kuntatt ma'l-agenzija Sedqa u li llum[3]

[2] Fil-verzjoni taghha mghotija a tempo vergine f'l-atti ta' l-inkjesta.
[3] Fid-data li kien qed jiddeponi cioe 3 ta' Frar 2014.

m’ghadux bhal ma kien. Dwar dan il-punt ghandu jigi rilevat li l-Qorti kienet giet infurmata li l-imputat ghandu problema b’l-abbuz ta’ l-alkohol fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri tant li meta l-imputat inghata l-helsien mill-arrest huwa tpogga taht ordni ta’ supervizjoni provizzorju u gie ordnat jibda programm ta’ riabilitazzjoni. Minkejja dak li jghid l-imputat, mir-rapporti tal-probation officer jirrizulta li mhux talli ma kienx qed jikkopera mal-probation officer imma l-kuntatt ta’l-imputat ma’l-agenzija Sedqa kien wiehed sporadiku u aghar minn hekk kien hemm okazzjoni meta l-imputat kien qed jabbuza ukoll mid-droga kokajina. Din  hija stampa radikalment differenti minn dik li prova jaghti l-imputat.

Illi fid-dawl ta’ dan, fil-kuntest tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija konvinta li ma tistax taghti kredibilita lill-imputat u li l-fatti ma grawx kif jirrakkonta hu. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li l-imputat hareg mill-vettura tieghu ezattament malli nduna li Micallef kien waqqaf u hareg mill-vettura tieghu, u li kien propju f’dak il-hin li l-imputat hareg il-mus mieghu u ta daqqa bih lil Micallef.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta’l-ewwel hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat b’ attentat ta’ offiza gravissima fuq il-persuna ta’ Philip Micallef b’l-aggravju ta’l-uzu ta’strument li jaqta u jniggez; offiza gravi fuq Philip Micallef; pussess ta’ strument li jaqta u jniggez waqt li kien qed jikkommetti reat kontra l-persuna; li zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr permess; u ksur tal-paci pubblika.

Illi ghandu jigi rilevat li originarjament l-ewwel  imputazzjoni addebietata lill-imputat permezz tac-citazzjoni kienet dik ta’ attentat ta’ omicidju, pero fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzzju ta’ l-Avukat Generali din giet ridimensjonata ghal attentat ta’ ferita gravissima.

Illi in oltre kuntrarjament ghal dak indikat fic-citazzjoni t-tielet imputazzjoni hija bazata fuq l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 u mhux l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta[4]. Dan l-artikolu, cioe l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 ma giex kwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ghalhekk il-Qorti necessarjament ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni.

Illi kif diga ntqal mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li f’l-incident li nqala l-imputat ta daqqa ta’ mus lil Philip Micallef; jirrizulta ukoll li bid-daqqa l-mus ippenetra l-abdominal cavity u anke kkawza xi griehi fil-large bowel.

Illi d-dispozizzjonijet relevanti (fil-Kodici Kriminali) dwar klassifikazzjoni ta’l-offizi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta’ priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*

*(a) jekk tista’ ġġib periklu*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta’ debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta’ marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b’ferita li tidħol f’waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

[4] Li huwa l-aggravvju ghall-offiza fuq il-persuna inkluz f’l-ewwel imputazzjoni.

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*......*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

*.......*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi l-artikolu 216 fuq kwotat jirreferi ghall-offiza hekk imsejha "gravi" u l-artikolu 218 ghall-offiza "gravissima".

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-griehi sofferti minn Micallef jaqghu taht definizzjoni ta'l-offiza gravi u dan mhux biss ghaliex bid-daqqa tal-mus kien hemm il-perforazzjoni tal-kavita abdominali u anke intmiss l-large bowel, imma anke ghaliex[5] din d-daqqa setghet ġġib periklu tal-ħajja jew ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem u anke difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem.

[5] Kif jirrizulta mid-depozizzjoni tal-kirurgu Branko Duric

Illi pero l-imputat mhux qed jigi addebietat biss b'offiza gravi fit-termini ta'l-artikolu 216 imma anke b'attentat ta' offiza gravissima fit-termini ta'l-artikolu 218.

Illi biex jissusti r-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li

> *Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu*.[6]

Illi fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lil Micallef; kien propju ghalhekk li hareg il-mus mill-karozza.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

> *The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible[7].*

---

[6] Ref Pulizija vs Emanuel Zammit Appell Kriminali deciz 30.03.1998.
[7] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.

Illi pero l-Professur Mamo jkompli hekk:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[8].

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Repubblika vs Domenic Briffa[9]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in*

[8] Ref op cit pagna 227.
[9] Deciza fis-16.10.2003.

*armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l- intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il- konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[10]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl- ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit- tieni lok.*

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Illi permezz ta'l-ewwel paragrafu tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat b'tentattiv ta'offiza gravissima kif deskritta fis-subartikoli 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offiza li *tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh.*

Illi ghalhekk, u tenut kont ta' dak li tipprovdi d-dottrina u l-gurisprudenza dwar r-reat in ezami dak li jrid jigi pruvat huwa li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti ta'l-ghamla tal-gisem jew mard permanenti tal-mohh u dan fuq il-persuna ta' Philip Micallef.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-imputat mhux qed jikkontesta l-incident u l-konsegwenzi fattwali ta'eghmilu; l-imputat qed jikkontendi pero li l-agir tieghu kien dettat minn passjoni istantanea rizultat ta' provokazzjoni da parti ta' Micallef meta dan gie jaffacja lill-imputat hdejn il-bieba tal-vettura tieghu.

Illi biex il-provikazzjoni tkun tista' titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwizieti kollha tal-proviso ta'l-artikolu 227(c) tal-Kaptilou 9. Fost dawn ir-rekwizieti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konswgenzi tad-delitt. Il-kriterju, ghalhekk huwa wiehed oggettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju[11].

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li malli Micallef waqqaf il-vettura tieghu, hareg minnha u resaq lejn il-vettura ta' l-imputat, l-istess ghamel l-imputat, cioe hareg mill-vettura tieghu, bil-mus f'idejh, u qabel ma Micallef ghamel xi haga ohra qabad u tah daqqa b'dak il-mus. Dan gara f'kuntest ta' incident fejn l-imputat ippikka ma' Micallef sa tali punt li anke bintu ta' hames snin qaltlu biex

[11] Ref vIl-Pulizija vs Emanuel Tabone Appell Kriminali deciz 26.08.1998.

jirriversja meta kienu rriversjaw il-karozzi ta’ warajh; f’kuntest ukoll fejn l-imputat, minflok kompla jsuq malli ghadda Micallef[12], ghazel li jibqa wieqaf hemm u johrog jaffronta lil Micallef. In oltre jirrizulta mill-provi prodotti li ma kien hemm l-ebda taqbida bejn l-imputat u Micallef qabel ma l-imputat tah id-daqqa lil Micallef; l-imputat hareg mill-vettura tieghu, gew wicc imbwicc u immedjatament ta d-daqqa bil-mus. F’dawn ic-cirkostanzi mhux biss ma tista’ qatt tirnexxi d-difiza tal-provkazzjoni imma jidher car li l-imputat ghazel li jaghti d-daqqa lil Micallef f’post fejn tista’ tigi kawzata hafna hsara: ma qaddu. Aktar minn hekk din id-daqqa taha b’mus twil bizzejjed biex mhux biss jippenetera l-kavita abdominali imma anke jolqot wiehed mill-organi f’din il-kavita.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li l-intenzjoni ta’ l-imputat kienet li jikkawza debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f’parti ta’l-ghamla tal-gisem jew mard permanenti tal-mohh u dan fuq il-persuna ta’ Philip Micallef u li kien biss bhala rizulta ta’ xi haga accidentali li f’l-organi vitali ta’ Micallef gew riskontrati biss xi griehi zghir fil-large bowel.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li l-imputat ma kellux permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm u jgorr dak il-mus.

Illi konsegwentement l-ewwel imputazzjoni (kif ridimensjonata) it-tieni, ir-raba, u l-hames imputazzjonijet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacjentement pruvati.

Ikkunisdrat

[12] Ir-ritratti mehuda mill-esperti nominatto fil-kors ta’l-inkjesta juru bic-car li malli Micallef ghadda l-vettura ta’l-imputat dan seta’ jkompli jsuq u ma kellux ghalfejn johrog mill-vettura tieghu.

Illi permezz tas-sitt u s-sebgha imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan meta ma kienx f'kundizzjoni li jaghmel hekk minhabba xorb; u sewqan meta kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien ghola minn dak preskritt.

Illi jirrizulta mill-istqarrija ta' l-imputat li qabel ma saq huwa kien ha erbgha birra u xi tnejn vodka, pero jghid li huwa normali ghalih li jixrob u li jiflah ghax-xorb u li ghalhekk ma effettwax il-kapacita teighu ta' sewqan.

Illi mill-provi jirrizulta li meta sar il-breathalyser gie stabbilit li li l-proporzjon ta'l-alkohol fin-nifs tieghu kin ta' 45 mikrogrammi f'100 millimetru ta' nifs. Il-limitu preskritt mil-Ligi huwa ta'35 mikrogrammi f'100 millimetru ta' nifs. Konsegwentement l-imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw ukoll.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tmien imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bi ksur ta' liberta kondizjonata.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-16 ta' Ottubru 2009 l-imputat kien instab hati ta' hsara volontarja a dannu ta' certu Owen Zammit u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamlix reat iehor fi zmien sentejn.

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni sehhew nhar is-17 ta' April 2011 u ghalhekk fil-perjodu ta' sentejn imposti fis-sentenza mghotija fis-16 ta' Ottubru 2009.

Illi ghalhekk din it-tmien imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali kwota ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk kien qed jaddebieta lill-imputat bir-recidiva. Pero fic-citazzjoni l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma jinkludux ir-recidiva; lanqas ma ntalbet korrezzjoni tac-citazzjoni biex jizdied dan l-abbedietu. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti necessarjament ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’l-abbedietu ta’ recidiva fil-konfront ta’l-imputat.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konisderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; dawn huma reati gravissimi li seta’ kellhom konsegwenzi ferm aktar gravi minn dawk li fil-fatt kellhom, in oltre dawn ir-reati sehhew f’perjodu ta’ liberta kondizzjonata.

Illi fattur importanti iehor huwa l-problema li ghandu l-imputat b’l-abuzz ta’l-akohol. Huwa car li l-eghruq tal-problemi li jaffacjja minn zmien ghal zmien l-imputat mal-gustizzja huma rizultat ta’l-effett tax-xorb eccesiv. Huwa car ukoll li huwa ghandu bzonn ghajnuna professjonali biex ikun jista jeghleb dan il-vizzju. Pero huwa altrettant car li huwa l-ewwel rrid jammetti li ghandu problema u jaccetta l-ghajnuna. Servizzi disponibbli biex jghinu lill-imputat mhux biss hawn imma inghatawlu pendente lite. Kif diga ntqal meta huwa inghata l-helsien mill-arrest tpogga taht ordni provizzorja ta’ supervizzjoni u anke gie ordnat biex isegwi programm ta’ riabilitazzjoni. Pero l-imputat mhux talli injora din l-ordni imma lanqas ma kkopera ma’l-ufficjal tall-probation.

Illi tenut kont ta’ dan, tal-fedina penali ta’l-imputat u in konformita ma’ l-insenjament tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali dwar x’piena ghandha tigi erogata f’kaz ta’ vjolenza fizika l-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tsita’ taghti hija dik ta’ prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-addebietu dwar recidiva inkluz fil-paragrafu (i) tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali u fil-waqt li tastjeni millli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjub kontra tieghu fic-citazzjoni, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(c), 217, 218(1)(a)(2) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **multa ta’ mija u sittax Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)** u **sentejn (2) prigunerija;** b’applikazzjoni ta’l-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 qed **tiskkwalifikah minn kull licenzja ta’ sewqan ghal perjodu ta’ disgha (9) xhur** u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 qed **tiskwalifikah minn kull licenzja taht l-istess Kapitolu 480 ghal perjodu ta’ hames (5) snin,** dwan iz-zewg perjodi ta’ skwalifika ghandhom jibdew jidekorru wara li l-imputat jiskonta l-piena karcerarja imposta permez ta’ din is-sentenza. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed taghzel li titratta ma’l-imputat ghar-reat li tieghu instab hati permezz tas-sentenza datata 16 ta’ Ottubru 2009 u wara li tikkonferma s-sejbin ta’ htija tikkundannah **hames (5) xhur prigunerija** ghal dak ir-reat. In konkluzzjoni u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna lill-imputat biex fi zmien sena **jhallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ €2869.78** rapprezentanti spejjez rinkorsi fil-hatra ta’ esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------